Qomt f'inżul ix-xemx
u mxejt b'kewkba fuq rasi
għal wens ta' oħra ġo musbieħ.
Illum imxejt,
u ntlift belgħani
f'serbut ta' dawl jikinsu t-triq.

* * * *

JANE CORTIS.

# Il-Bejta fin-Niċċa

Kixef snienu l-gregal minn wara x-xefaq
u semma' l-lupu l-ħamba tal-ħruxija:
iżda l-bejta, fin-niċċa, wara l-vara
tinsab moħbija.

Ġarret l-għammiela tibna wara tibna
u bl-imħabba poġġiethom mija mija;
u rekknithom fin-niċċa wara l-vara
ħienja u għaqlija.

Biddel ix-xefaq lewnu — d-dawl deħ'bieni
sar bħal xmara ta' griż bid-demm miksija.
Xejn ma tellef lill-bejta l-ħolma ħiemda
X'hena moħbija.

U sielet il-gregal mat-tramuntana
u sema w art sfaw xagħra ta' swidija.
Iżda l-ħolma ta' ġid int bqajt toħlomha
bejta kennija.

U minn sema nkurlat werżqet il-qilla,
w aktar sewda mid-dlam serrpet id-dija.
Iżda fin-niċċa l-bejta baqgħet sħiħa
bil-ġid mimlija.

Għab il-gregal u l-lupu libet; siktet
il-ħerba li ħalliet l-art imbikkija;
u l-għasafar mill-bejta ħarġu igħannu
l-għanja sajfija.

GEORGE ZAMMIT.



# Korrispondenza *

## ERBGĦIN SENA ILU

Sur Editur,

Is-Sur Gorfrey Zarb Adami qeda għal bosta snin bħala segretarju onorarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u fi żmienu (għadni niftakar il-laqgħa) l-isem tal-'Għaqda' inbidel għal dak ta' Akkademja tal-Malti. Għamel sewwa ħafna meta fi IL-MALTI intafa' għalbiex jikteb dwar il-ġrajjiet l-imgħoddija tal-'Għaqda', ħalli nuża l-isem tradizzjonali.

Dal-aħħar qiegħed naqra x-xogħol tas-sur Gużè Cassar Pullicino, 'Aquilina u l-Malti'. L-awtur għamel biċċa xogħol f'waqtha meta qalleb f'korrispondenza uffiċjali. Għajnejja waqgħu fuq kelmtejn li kiteb l-avukat Albert Laferla bħala Direttur tal-Edukazzjoni lill-'Lieutenant Governor' nhar il-10 ta' Jannar 1935.

Qabel ma jgħaddi żmien iżjed u l-mewt taħsad nies li jistgħu jiftakru x'ġara erbgħin sena ilu, jeħtieġ f'ġieħ il-ħaqq u s-sewwa jinfetaħ kliem dwar "ġrajja". Dan għandu jsir sabiex 'il quddiem ma jinqalax tfixkil bla ħtieġa. Għadla żmien biżżejjed sabiex illum inħarsu lura lejn x'ġara mingħajr sħanat żejda.........

Il-ħsieb tiegħi mhux li jitqanqal ilma qiegħed għal xejn b'xejn, iżda jeħtieġ tingħaraf il-verità storika. Naħseb li barra s-sur Godfrey Zarb Adami għad hawn min huwa mimli bil-għomor li aktarx jista' jgħin inħarsu lejn il-ġrajja l-imgħoddija tal-'Għaqda'.

Mela, l-avukat Laferla li nagħmlu kien wieħed ma jħalli dubbien joqgħod fuq imnieħru (ingħid nagħmlu għax ma niftakrux) ma setax jaqbel ma' min xtaq igħabbih b'sura ta' "kumitat" ħalli dan jagħtih pariri dwar it-tgħlim tal-Malti. Għalkemm Dr. Laferla jidher li kien b'ruħu u ġismu mhejji jgħid id-dħul tal-Malti fl-iskejjel, aktarx bħal tfantas meta l-Prof. P.P. Saydon u l-Prof. G. Aquilina (dik il-ħabta kien għadu student l-Università) ħarġu jtambru dwar il-ħtieġa ta' kumitat ħalli jagħti pariri lill-gvern dwar kotba għall-iskejjel, sillabi u eżamijiet tal-Malti. F'kelma waħda d-Direttur tal-Edukazzjoni ħass li hemm min jrid jidħollu fl-għalqa. U bħalma jiġri f'din id-dinja, iż-żewġ naħat jifhmu li għandhom raġun u minħabba n-nuqqas li jinqala' xi ħadd li jressaq iż-żewġ naħat sabiex jaqa' dak il-ħajt baxx li jifred iż-żewġ naħat, tibqa' l-firda u jgħix in-nuqqas ta' ftehim. Dan kollu huwa x-xena.

Niġu għal dak li jolqot il-'Għaqda' Mela Dr. Laferla kiteb hekk lill-'Lieutenant Governor':

"... Jien ma naqbilx ma' ħatra ta' Kumitat għal dawn ir-raġunijiet, liema raġunijiet jiena nħossni ċert inti taqbel magħhom:

(a) F'dan iż-żmien ta' bidu aħna jmissna nimxu 'l quddiem u mn'issa nagħmlu minn kollox sabiex kull waqt naħdmu ħalli nilħqu l-politika tagħna 'Maltija'. Kumitat — ukoll l-aħjar wieħed — huwa dejjem ta' tfixkil.

(b) Dawk li jafu l-Malti jinqasmu f'żewġ taqsimiet (i) il-Għaqda tal-Università u (ii) il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li qajla tgħix u ċertament ma tat ebda sinjal ta' ħajja minn meta qalgħet daqqa għall-mewt minn Dr. Mizzi. Hija tħaddan fost l-imseħbin tagħha nies li ma jaqbilx mal-politka ta' llum li